MALTA

ATT Nru. VII ta' l-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel.

ACT No. VII of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Hotels and Catering Establishments Act, 1967.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

12 ta' Frar, 1980

ATT Nru. VII ta' l-1980

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jekk il-Bord jidhirlu xieraq," għandhom jidħlu l-kliem "u suġġett għall-approvazzjoni tal-Ministru,"; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "ħames liri u mhux iżjed minn ħamsin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira u mhux iżjed minn mitejn lira".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

3. Is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) wara l-kelma "wiri" għandhom jidħlu l-kliem "u jew illi jkollu faċilitajiet jew servizzi li fil-fatt ma jkollux,"; u

(b) minflok il-kliem "għaxar liri u mhux iżjed minn mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "mitejn lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "ammenda ta' mhux iżjed minn għaxar liri" għandhom jidħlu l-kliem "multa ta' mhux inqas minn mitt lira iżda mhux iżjed minn tliet mitt lira"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ammenda ta' mhux iżjed minn għaxar liri" għandhom jidħlu l-kliem "multa ta' mhux iżjed minn tletin lira".

5. L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "mill-President tal-Bord" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Ministru jew mill-President tal-Bord"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ħames liri u mhux iżjed minn ħamsin lira" għandhom jidħlu l-kliem "mitt lira u mhux iżjed minn tliet mitt lira".

6. L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

(a) il-proviso għall-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsin lira" għandhom jidħlu l-kliem "mitejn lira".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 355 tal-11 ta' Frar, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati